**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar, 2017**

Kawza Numru: 270/2016JB

Numru: 5

**Direttur Generali tad-Dipartiment tas-'Support Services' tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura u b'digriet tas-6 ta' Jannar 2017 il-kliem "Direttur Generali tad-Dipartiment tas-'Support Services' tal-Ministeru ghat-Trasport u l-Infrastruttura" gew sostitwiti bil-kliem "Direttur Generali tas-'Support Services' tal-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali".**

***vs***

**Philip Borg (K.I.: 235187M)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-20 ta' Lulju 2016 fejn l-Attur talab li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' seba' mija u sebgha u erbghin euro u sebgha u disghin centezmu (€747.97) rapprezentanti rifuzjoni ta' pagamenti zejda fis-salarju tieghu. Talab ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali datata 2 ta' Awwissu 2013 numru 2342/13 (a fol 4);

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tad-19 ta' Settembru 2016 (a fol 5);

Ra li l-Konvenut kien debitament notifikat bl-atti (a fol 12), u pprezenta risposta (a fol 13);

Ra madankollu li fis-seduta tal-lum il-Konvenut irregistra ammissjoni permezz ta' nota (a fol 21);

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidra;

Illi hu car li fil-kawza odjerna, it-Tribunal ghandu jiddeciedi din il-kawza a bazi tal-ammissjoni tal-Konvenut;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-Konvenut ihallas lill-Attur is-somma ta’ €747.97. Spejjez, kif mitluba fl-avviz, a karigu tal-Konvenut.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*